# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 6**

**Citaz. Nru. 2432/97GV**

Doc. 78-01

**Zammit Automobiles Ltd.**

**vs**

**Carmelo Borg u martu Gina Borg**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi in forza ta' skrittura datata 20 ta' Lulju, 1995 (Dok. A), is-socjeta' attrici bieghet lil-konvenuti *coach* tal-marka Ghabbour numru ta' registrazzjoni Y-2521 bil-prezz ta' tlieta u sittin elf, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm63,250);

Premess illi skond ma jirrizulta mill-anness prospett (Dok. B) il-konvenuti sallum hallsu s-somma komplessiva ta' sitta u erbghin elf, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm46,250), l-ahhar pagament fit-3 ta' Jannar, 1996;

Premess illi l-ammont dovut illum huwa nkwantu ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u ghaxar liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm21,210.69) bilanc tal-kapital u inkwantu ta' elfejn u disgha mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmi (Lm2,928.81) imghax kalkolat sal-25 ta' Settembru, 1997;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' nkwantu ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u ghaxar liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm21,210.69) bilanc tal-kapital u inkwantu ta' elfejn u disgha mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmi (Lm2,928.81) imghax kalkolat sal-25 ta' Settembru, 1997;

Bl-imghax legali ulterjuri mill-25 ta' Settembru, 1997 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u tal-mandat ta' sekwestru pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 10 tal-process fejn eccepew:

A. Illi preliminarjament ic-citazzjoni ma tinkludiex l-allegat mandat tal-attur, kif hu tassattivament rikjest mil-Ligi tal-Procedura;

Illi inoltre t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi huma xtraw ix-xarabank in kwistjoni bhala gdida bil-prezz ta' tlieta u sittin elf, mitejn u hamsin lira Maltija (Lm63,250) izda rrizulta li kien fiha hafna difetti u dana kif jirrizulta mill-anness rapport ta' Joseph Zammit immarkat Dok. A;

2. Illi l-attur kien offra s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) lill-konvenuti bhala *in full and final settlement* izda dawn irrifjutaw hekk kif id-difetti tieghu baqghu dejjem jikbru;

3. Illi huwa l-attur li ghandu jaghti lill-konvenuti u dana sabiex

huma jkunu jistghu jirrangaw ix-xarabank mid-difetti li fiha li aktar ma jghaddi z-zmien aktar qed jikbru l-hsarat;

Illi minhabba s-sekwestru tal-attur huma ma jistghux jisselfu mill-Bank sabiex isewwu bla pregudizzju l-hsarat tax-xarabank.

B. Salvi eccezzjonijiet ohra.

C. Bl-ispejjez.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti a fol. 13 tal-process fejn ippremettew:

Premess illi l-konvenuti kienu xtraw minghand l-attur coach tal-marka Ghabbour numru tar-registrazzjoni Y-2521 bil-prezz ta' tlieta u sittin elf, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm63,250);

Premess illi din il-*coach* irrizulta li kienet difettuza tant li anke s-saqaf iqattar meta taghmel ix-xita u dana skond kif jirrizulta mill-anness rapport ta' Joseph Zammit u markat Dok. A;

Premess illi ghalkemm interpellat biex isewwi dawn il-hsarat l-attur baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi talbu lil din il-Qorti:

a. Tiddikjara okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi li l-imsemmija coach Ghabbour numru ta' registrazzjoni Y-2521 kien fiha fil-mument tal-bejgh taghha lill-istess konvenuti difetti li jnaqqsu l-valur taghha;

b. Tillikwida l-ammont ta' dawn id-difetti;

c. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti l-ammont ta' danni hekk

likwidati bl-imghax mid-data tal-20 ta' Lulju, 1995, fi zmien li din il-Qorti joghgobha tipprefiggi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti ghal-kontro-talba taghhom a fol. 14 tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuti fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma perenti u preskritti ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili;

2. Illi t-talba rikonvenzjonali sabiex jigu likwidati dawn id-difetti hija insostenibbli guridikament in kwantu fl-azzjoni stimatorja ma jigux likwidati d-difetti izda dik is-somma li x-xerrej ma kienx ihallas kieku kien jaf bid-difetti allegati;

3. Illi t-talba rikonvenzjonali ghall-hlas tad-danni hija rritwali in kwantu fl-azzjoni stimatorja ma tistax tintalab kundanna ghall-hlas tad-danni liema talba tista' biss tigi proposta flimkien mal-azzjoni redhibitoria;

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li hemm id-difetti allegati;

5. Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, fil-mument tal-bejgh is-socjeta' attrici ma kienet taf li hemm ebda difetti u ghalhekk ma hi responsabbli ghall-ebda danni;

6. Illi t-talba ghall-hlas tal-imghax mill-20 ta' Lulju, 1995 hija wkoll infondata fid-dritt peress li l-ebda imghax ma jibda jiddekorri fuq danni li ma humiex likwidati.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm21,210.69 bilanc ta' kapital fuq *coach* Y 2521 u Lm2,928.81 imghax kalkulat sal-25 ta' Settembru, 1997 (Dok B fol. 5).

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenutipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu a fol. 10 fejn qal li l-coach kien fiha difetti;

**KONTRO-TALBA**

Il-konvenut ghalhekk ipprezenta kontro-talba (fol 14) fejn talab lill Qorti tiddikjara li l-imsemmija *coach* kien fiha fil-mument tal-bejgh taghha difetti li jnaqqsu l-valur taghha; tillikwida l-ammont ta' dawn id-difetti; u tikkundanna lill-atturi jhallsu l-ammont ta' danni hekk likwidati.

**ECCEZZJONIJIET GHALL KONTRO-TALBA**

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom ghall kontro-talba (fol. 35) l-atturi eccepew li t-talba rikonvenzjonali hija perenta u preskritta a termini ta' l-artikolu 1431 tal-Kap 16.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ta' l-atturi ghall kontro-talba tal-konvenuti.

Skond l-artikolu 1431 tal-Kap 16 l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni ghal dawk li huma mmobmli, bl-eghluq ta' sena minn dak in nhar tal-kuntratt, u ghall dak li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjuha.

It-terminu previst minn dan l-artikolu ghadda billi l-iskrittura kienet saret fl-Lulju tal-1995 Dok A mentri l-kontro-talba giet proposta f'Gunju, 1998 tlett snin wara.

Illi dan it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza u ma jistax jigi interrot (ara Vol 32B p 508; Vol 30A p 377; Vol 30B p 640; Vol 27G p 534; Vol 38B p 723).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-atturi ghall kontro-talba tal-konvenut; tichad il-kontro-talba tal-konvenut; bl-ispejjez kontra l-konvenut; u tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-partijiet fuq it-talba ta' l-atturi ghad-19 ta' Ottubru, 2001.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**